Nru. 17,647
Prezz 16ċ
Price16c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

L-Erbgħa, 1 ta' Settembru, 2004
Wednesday, 1st September, 2004

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

AWTORITÀ TAD-DJAR

Għotja Biex Tgħin lis-Sidien fil-Bini, Irranġar u /jew Tkomplija ta' l-Ewwel Residenza Tagħhom

Iċ-*Chairperson* ta' l-Awtorità tad-Djar tgħarraf li l-Awtorità tad-Djar qed tilqa' applikazzjonijiet għall-għotja biex tgħin fil-bini u/jew tkomplija ta' xogħlijiet jew irranġar ta' l-ewwel residenza skond il-kundizzjonijiet ta' din l-iskema.

1. Skop ta' l-Iskema

L-Għotja taħt din l-iskema hi intiża biex tikkompensa parti mill-ispiża tal- kostruzzjoni jew fuq xogħol ta' tlestija jew irranġar fl-ewwel dar ta' abitazzjoni.

2. Tifsir

F'din l-iskema, kemm il-darba r-rabta tal-kliem ma tinħtieġ xorta oħra:-

"riċevuta fiskali" tfisser riċevuta kif imfissra fl-Erbatax-il Skeda ta' l-Att ta' l-1998 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Att Numru XXIII ta' l-1998) u jinkludi kull regolament magħmul taħt l-istess Att;

"applikanti " tfisser:-

(a) persuna waħedha 'l fuq minn 30 sena u/jew persuni 'l fuq minn 18-il sena b'diżabilità fiżika, intellettwali, jew li qed isofru jew sofrew minn mard kroniku mentali.

(b) koppja miżżewga jew għarajjes (bl-intenzjoni li jiżżewġu). Dawn għandhom japplikaw flimkien.

(ċ) ġenitur wieħed inkluż ukoll ġenituri legalment separati li għandhom il-kustodja ta' wliedhom.

(d) Armel/Armla li għandhom it-tfal mhux miżżewġa jgħixu miegħu/magħha.

"dar ta' abitazzjoni" għandha l-istess tifsira mogħtija fl-Artiklu 2 ta' l-Att ta' l-1988 biex tħajjar persuni jsiru sid ta' darhom (Kap 328);

HOUSING AUTHORITY

Grant to Assist Owners in the Construction and/or Completion or Rehabilitation of their First Home

The Chairperson of the Housing Authority notifies that the Authority is receiving applications for a grant to assist with the construction and/or completion or rehabilitation of a first dwelling house according to the conditions of this Scheme.

1. Title

A grant under this Scheme is intended as part compensation of expenditure in respect of the cost of construction and/or completion or rehabilitation works on the first dwelling house.

2. Definition

For this Scheme, unless the context otherwise requires:-

"fiscal receipt" means a receipt as defined in the Fourteenth Schedule to the Value Added Tax of 1998 (Act XXIII of 1998) and also includes a regulation made by the same Act;

"applicants" means:-

(a) a single person aged 30 or over and/or persons over 18 years of age with physical, intellectual disability or who are suffering or suffered from chronic mental illness;

(b) a couple, either married or engaged (with the intention of marrying). These should apply jointly;

(c) a single parent including legally separated parents who have the custody of their children;

(d) a widow/widower who has unmarried children still residing with him/her.

"dwelling house" has the same meaning as assigned to it in section 2 of the Home Ownership (Encouragement) Act, 1988 (Cap. 328);

"iċ-*Chairperson*" tfisser iċ-*Chairperson* ta' l-Awtorità tad-Djar u tinkludi kull persuna awtorizzata biex taġixxi minn flokha;

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità tad-Djar.

F'din l-iskema s-singular jimporta l-plural u l-maskil jimporta l-femminil.

3. Min Jista' Japplika taħt din l-iskema

Bla ħsara għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' din l-Iskema, din l-iskema tapplika biss għall-applikanti kif deskritt fi Klawsola 2 li fid-data ta' l-applikazzjoni huma:-

(a) ċittadini Maltin. Fil-każ ta' miżżewġin mhux separati, biżżejjed li parti waħda tkun Maltija; u

(b) Ċittadini ta' l-Unjoni Ewropeja li qed jakkwistaw l-ewwel residenza. Applikanti li m' humiex Ċittadini Maltin iridu jissodisfaw il-kriterja maħruġa minn xi Awtorità jew mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

(ċ) jkunu jgħixu Malta għal ta' l-anqas tmintax-il xahar fl-aħħar erbgħa u għoxrin xahar, immedjatament qabel l-applikazzjoni.

4. Applikanti li huma Legalment Separati

Persuni legalment separati bit-tfal mhux miżżewġa jgħixu magħhom li jakkwistaw post ta' residenza wara s-separazzjoni, huma ntitolati għall-għotja taħt din l-iskema. Iżda dawk l-applikanti li, waħedhom jew mar-raġel/mara tagħhom li diġà bbenefikaw taħt l-iskemi preċedenti tar-rifużjoni tal-VAT amministrati mid-Dipartiment ta' l-Akkomodazzjoni Soċjali u/jew l-Awtorità tad-Djar, ma jikkwalifikawx taħt din l-iskema.

5. Għotja offruta taħt din l-Iskema

Persuna tikkwalifika biex tapplika għall-għotja ta' l-ammonti massimi stipulati f'din l-iskema kif jidher hawn taħt, fuq spejjeż magħmula għall-akkwist jew bini jew irranġar ta' l-ewwel dar ta' abitazzjoni:-

(a) għall-persuni waħedhom ta' 'l fuq minn 30 sena u/ jew persuni 'l fuq minn 18-il sena b'diżabilità fiżika, intellettwali, jew li qed isofru jew sofrew minn mard kroniku mentali l-massimu ta' l-għotja huwa ta' Lm1,000;

(b) għall-koppji għarajjes jew miżżewġa, ġenitur wieħed, persuni separati jew romol bil-kustodja tat-tfal jgħixu magħhom, il-massimu ta' l-għotja huwa ta' Lm2,500.

Tingħata għotja addizzjonali ta' Lm500 għall-irranġar jew bini mill-ġdid ta' proprjetà mibnija jew li kienet lesta għall-abitazzjoni qabel jew fl-1 ta' Jannar, 1960.

"the Chairperson" means the Chairperson, Housing Authority and includes any person authorised to act on his or her behalf;

"the Authority" means the Housing Authority.

The masculine shall imply the feminine and the singular shall imply the plural.

3. Who can apply for a grant under this Scheme

Subject to the other provisions of these regulations, the scheme is restricted to applicants as defined in Clause 2 who on the date of the application are:-

(a) Maltese Citizens, or in the case of married couples only but not separated, one of the couple must be Maltese Citizen; and

(b) EU citizens who are acquiring their first residence. Non Maltese Citizens have to satisfy the criteria issued by any Authority and/or by the Office of the Prime Minister.

(c) have resided in Malta for not less than 18 months in the last 24 months immediately preceding the application.

4. Legally Separated Applicants

Legally Separated applicants with unmarried children living with them who acquire a residence after their separation are entitled for a grant under this scheme. But those applicants, who alone or with their spouses, have already benefited from previous VAT refund schemes administered by the Department for Social Accommodation and/or the Housing Authority cannot qualify under this scheme.

5. Grant available under this Scheme

Eligible applicants may apply for a grant, up to the maximum amounts as stated below in respect of expenditures made in connection with the acquisition or construction/ rehabilitation of their first dwelling house:-

(a) for single persons over 30 and/or persons over 18 years of age with physical, intellectual disability or who are suffering or suffered from chronic mental illness a grant up to a maximum of Lm1,000;

(b) for engaged or married couples, separated persons, single parents or widows/ widowers with custody of children a grant up to a maximum of Lm2,500.

An additional Lm500 is given for the rehabilitation or reconstruction of a property built and was ready for habitation before 1st January, 1960.

Il-ħlas ta' l-għotja jingħata fuq il-preżentazzjoni ta' riċevuti fiskali maħruġa fuq isem l-applikanti.

Għotjiet taħt din l-iskema jsiru biss fir-rigward ta' waħda mill-kategoriji segwenti u jingħataw f'żewġ stadji kif muri hawn taħt:

(i) Kategorija A: bini ta' l-ewwel dar ta' abitazzjoni li tinxtara tliet snin qabel id-data tal-pubblikazzjoni ta' din l-iskema jew wara, li l-bini u/jew ix-xogħlijiet ta' tkomplija kien għadu ma tlestiex fid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-iskema:

L-ewwel ħlas: Għotja li tammonta sa 13.04% f'każ li x-xogħlijiet saru sal-31 ta' Diċembru, 2003 u 15.254% f'każ li x-xogħlijiet saru wara l-1 ta' Jannar, 2004 tal-valur taxxabbli ta' oġġetti u servizzi fornuti u mħallsa fil jew wara d-data ta' l-akkwist tal-proprjetà dwar kostruzzjoni li jinkludi tħammil, pedamenti, ġebel u konkos, inkluż il-kontrabejt u spejjeż oħra konnessi mall-bini tad-dar sa massimu ta':-

• Lm600 għall-persuni waħedhom 'l fuq minn 30 sena u/jew persuni 'l fuq minn 18-il sena b'diżabilità fiżika, intellettwali, jew li qed isofru jew sofrew minn mard kroniku mentali;

• Lm1,300 għall-koppji għarajjes jew miżżewġa, ġenitur wieħed, persuni separati jew romol bil-kustodja tat-tfal.

It-tieni ħlas - għotja li tlaħħaq sa 13.04% f'każ li x-xogħlijiet saru sal-31 ta' Diċembru, 2003 u 15.254% f'każ li x-xogħlijiet saru wara l-1 ta' Jannar, 2004 tal-valur taxxabbli ta' oġġetti u servizzi fornuti u mħallsa fil jew wara d-data ta' l-akkwist tal-proprjetà fuq ħlasijiet dwar xogħlijiet ta' finitura inklużi it-tikħil u tibjid, elettriku w ilma, madum u irħam, bibien ta' ġewwa u ta' barra, twieqi u kmamar tal-banju sa massimu ta':-

• Lm400 għall-persuni waħedhom 'l fuq minn 30 sena u/jew persuni 'l fuq minn 18-il sena b'diżabilità fiżika, intellettwali, jew li qed isofru jew sofrew minn mard kroniku mentali;

• Lm1,200 għall-koppji għarajjes jew miżżewġa, ġenitur wieħed, persuni separati jew romol bil-kustodja tat-tfal.

(ii) Kategorija B - irranġar, rikostruzzjoni u estenzjoni ta' proprjetà biex tintuża bħala l-ewwel dar ta' abitazzjoni, li tinxtara tliet snin qabel id-data tal-pubblikazzjoni ta' din l-iskema jew wara , liema proprjetà kienet mibnija u lesta għall-abitazzjoni fl-ewwel ta' Jannar, 1960 jew qabel:

L-ewwel ħlas - għotja li tlaħħaq sa 13.04% f'każ li x-xogħlijiet saru sal-31 ta' Diċembru. 2003 u 15.254% f'każ li x-xogħlijiet saru wara l-1 ta' Jannar, 2004 tal-valur taxxabbli ta' oġġetti u servizzi fornuti u mħallsa fi jew wara d-data ta'

Grants will only be made following the presentation of fiscal receipts issued in the name of the applicants.

Grants under this scheme shall only be made in respect of either one of the following categories and shall be made in two separate instalments as indicated hereunder:

(i) Category A: Construction of a first dwelling house which was purchased three years prior the publication of this scheme or afterwards by which date the construction or completion of works had not been completed;

First instalment: A grant amounting to 13.04% in the case of works completed by the 31st December, 2003 and 15.254% in the case of works completed after 1st January, 2004 on the actual taxable value of goods and services supplied and paid for on or after the date of acquisition of the property relating to construction including excavation, foundations, masonry and concrete including screed, and fees related to the construction of the dwelling up to a maximum of:-

• Lm600 for single persons over 30 years of age and/or persons over 18 years of age with physical, intellectual disability or who are suffering or suffered from chronic mental illness;

• Lm1,300 for engaged or married couples, single parent, separated persons or widows/widowers with custody of children.

Second instalment: A grant amounting to 13.04% in the case of works completed by the 31st December, 2003 and 15.254% in the case of works completed after 1st January, 2004 of the actual taxable value of goods and services supplied and paid for on or after the date of acquisition of the property relating to finishing works including plastering and painting, electricity and plumbing, tiles and marble, internal and external doors, windows and bathrooms up to a maximum of:-

• Lm400 for single persons over 30 years of age and/or persons over 18 years of age with physical, intellectual disability or who are suffering or suffered from chronic mental illness;

• Lm1,200 for engaged or married couples, single parents, separated persons or widows/widowers with custody of children.

(ii) Category B: Rehabilitation, reconstruction and extensions of a property for use as a first dwelling which was purchased three years prior the date of the publication of this scheme or afterwards, which property was built and ready for habitation on or before 1st January, 1960:

First instalment: A grant amounting to 13.04% in the case of works completed by the 31st December, 2003 and 15.254% in the case of works completed after 1st January, 2004 of the actual taxable value of goods and services supplied and paid

l-akkwist tal-proprjetà fuq ħlasijiet dwar twaqqiegħ (fejn applikabbli), estenzjoni ta' bini u rikostruzzjoni inklużi t-tħammil, pedamenti, ġebel u konkos, inkluż il-kontrabejt, u drittijiet dwar il-kostruzzjoni tad-dar sa massimu ta':-

• Lm900 għall-persuni waħedhom 'l fuq minn 30 sena u/jew persuni 'l fuq minn 18-il sena b'diżabilità fiżika, intellettwali, jew li qed isofru jew sofrew minn mard kroniku mentali;

• Lm1,600 għall-koppji għarajjes jew miżżewġa, ġenitur wieħed, persuni separati jew romol bil-kustodja tat-tfal.

It-tieni ħlas - għotja li tlaħħaq sa 13.04% f'każ li x-xogħlijiet saru sal-31 ta' Diċembru, 2003 u 15.254% f'każ li x-xogħlijiet saru wara l-1 ta' Jannar, 2004 tal-valur taxxabbli ta' oġġetti u servizzi fornuti u mħallsa fi jew wara d-data ta' l-akkwist tal-proprjetà fuq ħlasijiet dwar xogħlijiet ta' finitura inklużi it-tikħil u tibjid, elettriku u ilma, madum u irħam, bibien ta' ġewwa u ta' barra, twieqi u kmamar tal-banju sa massimu ta':-

• Lm600 għall-persuni waħedhom 'l fuq minn 30 sena u/jew persuni 'l fuq minn 18-il sena b'diżabilità fiżika, intellettwali, jew li qed isofru jew sofrew minn mard kroniku mentali;

Lm1,400 għall-koppji għarajjes jew miżżewġa, ġenitur wieħed, persuni separati jew romol bil-kustodja tat-tfal.

6. Metodu ta' Applikazzjoni

(1) Persuna li tikkwalifika biex tapplika taħt din l-iskema għandha tapplika fuq il-formola preskritta u għanda tagħti kull informazzjoni, dettalji u ċertifikati kif mitlub fl-imsemmi formola ta' din l-Iskema.

(2) L-applikazzjonijiet għandu jkollhom mehmuża magħhom riċevuti fiskali oriġinali maħruġa fuq isem l-applikanti li juru l-ħlasijiet magħmula minnhom dwar l-akkwist, kostruzzjoni, jew irranġar tad-dar ta' abitazzjoni kif ukoll id-dokumenti ndikati fl-applikazzjoni.

(3) Kull spiża li tkun tħallset mill-applikanti dwar l-applikazzjoni f'ebda ċirkustanza ma titħallas lura, sew jekk l-applikazzjoni tiġi milqugħa u sew jekk le.

(4) L-applikazzjonijiet jiġu pproċessati mill-Awtorità u dawk biss li jinstabu li huma konformi mad-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskema, jkunu eliġibbli li jingħataw l-għotjiet skond il-klawsoli 5 u 8 ta' dan l-avviż u suġġetta għal dak li hawn iżjed il-quddiem.

(5) Kull applikazzjoni taħt din l-iskema, inklużi d-dokumenti indikati f'din il-klawsola, għandha tiġi preżentata

for on or after the date of acquisition of the property relating to costs of demolition (where applicable), reconstruction and extensions including excavation, foundations, masonry and concrete including screed, and fees related to the construction of the dwelling up to a maximum of:-

• Lm900 for single persons over 30 years of age and/or persons over 18 years of age with physical, intellectual disability or who are suffering or suffered from chronic mental illness;

• Lm1,600 for engaged or married couples, single parents, separated persons or widows/widowers with custody of children.

Second instalment: A grant amounting to 13.04% in the case of works completed by the 31st December, 2003 and 15.254% in the case of works completed after 1st January, 2004 of the actual taxable value of goods and services supplied and paid for on or after the date of acquisition of the property relating to finishing works including plastering and painting, electricity and plumbing, tiles and marble, internal and external doors, windows and bathrooms up to a maximum of:-

• Lm600 for single persons over 30 years of age and/or persons over 18 years of age with physical, intellectual disability or who are suffering or suffered from chronic mental illness;

• Lm1,400 for engaged or married couples, single parents, separated persons or widows/widowers with custody of children.

6. Method of Application

(1) Applications shall be made to the Authority on the prescribed form and shall contain all the information, details and certificates as required by the said form and by these regulations.

(2) Applications shall be accompanied by original fiscal receipts issued in the names of the applicants showing the payments made by them relating to the costs of acquisition, construction and rehabilitation of the dwelling house as well as the documents listed in the application form.

(3) Any expenses incurred by applicants in connection with their application shall not be recoverable by the applicants whether or not their application is successful.

(4) Applications will be vetted by the Authority and only those found to conform with the provisions of this Scheme shall, subject to what is provided for below, be eligible for payment of the grants referred to in Clauses 5 and 8 hereof.

(5) Applications under this Scheme including the documents mentioned in this Clause shall be handed in

personalment mill-applikanti fl-uffiċċju ta' l-Awtorità tad-Djar, f'Malta fi 12, Triq Pietro Floriani, Floriana u f'Għawdex fi 25, Triq Enrico Mizzi, Victoria, Għawdex.

7. Meta ma tingħatax l-Għotja

Ebda għotja ma' tingħata lill-applikanti:-

(i) jekk l-istess applikanti ma jikkwalifikawx taħt il-kondizzjonijiet ta' din l-iskema;

(ii) li jkunu akkwistaw jew bnew l-ewwel dar ta' abitazzjoni aktar minn tliet snin qabel id-data tal-pubblikazzjoni ta' l-iskema.

8. Kif isir il-pagament ta' l-għotja

L-għotja taħt:-

(a) iż-żewġ kategoriji imsemmija fi klawsola 5 titħallas biss wara li l-Awtorità tad-Djar tkun sodisfatta li l-għotja mitluba tirreferi għal spejjeż tassew imħallsa fuq ix-xogħlijiet relatati u li fuqhom inħarġu l-irċevuti fiskali relattivi;

(b) iż-żewġ kategoriji A u B ma jsirux:-

(i) qabel ma jkun tlesta x-xogħol tal-bini kollu sa ġebel u saqaf fil-każ ta' l-ewwel ħlas u;

(ii) qabel ma jitlesta ix-xogħol ta' irfinar fil-każ tat-tieni ħlas.

9. Kundizzjonijiet

(a) Applikanti li jikkwalifikaw jkunu jinħtieġu jissodisfaw lill-Awtorità illi huma jkunu se jokkupaw id-dar sa żmien sentejn mid-data tat-talba għat-tieni ħlas u li huma jkunu se jibqgħu joqogħdu permanentement fiha, bħala residenza ordinarja tagħhom, għal żmien ħames snin sħaħ mid-data ta' l-okkupazzjoni, b'dan li dawn il-ħames snin ta' okkupazzjoni jridu jkunu saru tul il-perjodu ta' seba' snin mit-talba għat-tieni ħlas.

(b) Il-ħlas ta' l-għotja taħt din l-iskema ma jingħatax taħt din l-iskema jew xi skema oħra li tissostitwiha:-

(i) jekk ix-xogħlijiet li dwarhom issir it-talba jkunu saru mill-istess applikanti; jew

(ii) jekk fil-każi fejn il-fondi jkunu inbiegħu mill-benefiċjarji u/jew applikanti, x-xogħljiet magħmula mis-sidien il-ġodda jsiru qabel ħames snin mid-data ta' l-ewwel applikazzjoni ta' l-ewwel benefiċjarji u/jew applikanti taħt din l-iskema.

(ċ) Wara l-pagament ta' l-ewwel parti ta' l-għotja, it-talba għat-tieni parti tista' ssir minn xi wieħed mill-applikanti.

personally by the applicants at the offices of the Authority, in Malta at 12, Pietro Floriani Street, Floriana and in Gozo at 25, Enrico Mizzi Street, Victoria during normal office hours.

7. Non-payment of Grants

No grant is payable to applicants:-

(i) who do not qualify under the conditions of the scheme;

(ii) who acquired or built their first residences three years or more prior the date of the publication of this Scheme

8. Payment of Grants

The payment of grants under:-

(a) both categories mentioned in Clause 5 will only be paid after the Authority is satisfied that the claimed expenditure refers to costs actually incurred on the qualifying works and are covered by the relative fiscal receipts;

(b) both Categories A and B will not be made:-

(i) before completion of works up to shell form in the case of first instalments and;

(ii) before full completion of finishing works in the case of second instalments.

9. Conditions

(a) Successful applicants will be required to satisfy the Authority that they are to occupy the dwelling house within two years from the date of their request for the payment of the second instalment and that they are to continue to reside permanently in it as their ordinary residence for an uninterrupted period of five years from date of occupation provided that the five years' occupation happen within a period of seven years from date of the request for payment of the second instalment.

(b) Payments of grants under this Scheme are not issued under this scheme or any other scheme replacing it:-

(i) if the works to which the subsequent application refers is made by the same applicants, or

(ii) if in the cases where the premises have been disposed of by the beneficiaries/applicants, works are carried out by the new owners before the lapse of five years from the date of the first application submitted by the original beneficiaries/ applicant under this scheme.

(c) Following the payment of a first instalment, the claim for the second instalment of the grant may be made by any

Din it-talba għandu jkollha magħha ċertifikat tal-perit u riċevuti fiskali dwar it-tieni stadju ta' bini u/jew irranġar skond il-każ, u kwalunkwe dokument ieħor li minn żmien għal żmien tirrikjedi l-Awtorità tad-Djar fid-diskrezzjoni assoluta tagħha.

10. Ħlas lura mill-Applikanti lill-Awtorità

Fejn il-benefiċjari ta' għotjiet taħt din l-iskema jonqsu li jkunu konformi mal-kundizzjonijiet jew obbligazzjonijiet ta' din l-iskema huma jkollhom iħallsu lura lill-Awtorità tad-Djar kull għotja mogħtija lilhom taħt din l-iskema. F'każ ta' koppji għarajjes jew koppja miżżewġa, l-applikanti u l-benefiċjarji huma responsabbli lejn l-Awtorità tad-Djar sew solidalment kif ukoll individwalment. Dan l-obbligu jibqa fis-seħħ sa żmien ħames snin minn wara li l-Awtorità tad-Djar tkun informata jew indunat li l-benefiċjarji jkunu naqsu mill-obbligazzjonijet tagħhom taħt din l-iskema.

11. Meta l-għotja lura ma tkunx approvata

Iċ-*Chairperson* tista fid-diskrezzjoni assoluta tagħha tirrifjuta li tapprova l-għotja jew parti minnha taħt din l-iskema minħabba xi ksur tal-kundizzjonijiet u/jew ta' dawn ir-regolamenti, f'liema każ l-applikanti ma jkunux intitolati jagħmlu xi talbiet oħra kontra l-Awtorità. F'dawn il-każi ċ-*Chairperson* għandha tagħti raġuni ta' rifjut bil-miktub.

Id-deċiżjoni taċ-*Chairperson* tkun finali.

12. Tul ta' l-Iskema

Din l-iskema tibqa' fis-seħħ għall-perjodu ta' sena mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din l-iskema fil-Gazzetta tal-Gvern u tkun imġedda awtomatikament għall-perjodu ta' sena il-wieħed sakemm ma jiġix ippubblikat avviż fil-Gazzetta tal-Gvern li jtemm l-iskema.

13. Dritt ta' Rifjut

Minkejja kull provediment imsemmi fil-klawsoli ta' din l-iskema l-Awtorità tad-Djar għandha d-dritt li tirrifjuta kull applikazzjoni.

14. Emendi għall-Iskema

L-Awtorità żżomm id-dritt li tagħmel kull emenda meħtieġa għal din l-iskema billi tippubblika dawk l-emendi fil-Gazzetta tal-Gvern.

15. Interpretazzjoni

F'kull każ qed jiġi ribadit li f'każ ta' diverġenza bejn it-test Malti u dak Ingliż, it-test Malti għandu jipprevali.

L-1 ta' Settembru, 2004

one of the applicants. This claim is to include the relative architect's certificate and fiscal receipts covering the second stage of construction and/or rehabilitation as the case may be, and such other documents as the Authority may from time to time require at its absolute discretion.

10. Refunds by applicants to the Authority

Beneficiaries of a grant under this Scheme who fail to comply with any conditions or obligations under this Scheme shall be liable to refund to the Authority the full amount of the grants paid to them under this Scheme. In the case of married or engaged couples, applicants and beneficiaries will be jointly and severally responsible to the Authority. This obligation remains in force up to five years from when the Authority is informed or finds out that the beneficiaries have not honoured the obligations of this scheme.

11. Non-approval of payment of Grant

The Authority may, at its own absolute discretion, refuse to approve payment of a grant or part thereof under this Scheme because of an infringement of any of the terms and conditions of these regulations, in which case the applicant or applicants shall not be entitled to make any claim against the Authority. In such cases, the Chairperson will state in writing the reason for such refusal.

The Chairperson's decision will be final.

12. Duration of Scheme

This Scheme shall remain in force for a period of one year from the date of its publication in the Government Gazette, and shall be automatically renewed for a further period of one year unless a notice to the contrary is published in the Government Gazette.

13. Right of Refusal

Notwithstanding anything contained in the foregoing provisions of this Scheme, the Authority shall have the right to refuse any application.

14. Amendment of Scheme

The Authority shall have the right to make any amendments to the Scheme by the publication of the said amendments in the Government Gazette.

15. Interpretation

In case the Maltese text differs from the English text the Maltese text will prevail.

1st September, 2004

INDUSTRIAL PROPERTY REGISTRATIONS OFFICE

In accordance with Article 39(7) of the Trademark Act 2000, the following trademarks have been renewed.

Trade Mark No.	Renewal Date	Trade Mark No.	Renewal Date
2884	02.05.2004	12666	28.06.2004
2892	14.05.2004	12643	08.06.2004
4464	01.05.2004	12644	08.06.2004
4465	01.05.2004	12645	08.06.2004
4466	01.05.2004	12646	08.06.2004
7390	14.05.2004	12647	08.06.2004
12625	20.05.2004	12648	08.06.2004
12626	20.05.2004	12649	08.06.2004
4463	01.05.2004	12640	07.06.2004
12620	20.05.2004	12641	08.06.2004
12621	20.05.2004	12652	11.06.2004
12622	20.05.2004	12656	21.06.2004
12623	20.05.2004	12657	21.06.2004
12624	20.05.2004	12658	21.06.2004
12609	10.05.2004	12650	10.06.2004
12600	03.05.2004	4484	14.06.2004
12601	03.05.2004	4477	11.06.2004
12632	31.05.2004	4488	24.06.2004
12610	10.05.2004	4489	24.06.2004
12661	10.05.2004	19728	04.06.2004
12662	10.05.2004	19749	19.06.2004
19694	24.05.2004	19752	25.06.2004
19695	24.05.2004	19753	25.06.2004
19696	24.05.2004	19754	25.06.2004
19697	24.05.2004	19755	25.06.2004
19663	14.05.2004	19762	28.06.2004
19664	14.05.2004	19736	11.06.2004
19655	04.05.2004	19730	11.06.2004
19662	14.05.2004	19729	05.06.2004
19671	14.05.2004	19732	11.06.2004
19673	15.05.2004	19741	14.06.2004
19669	16.05.2004	20030	25.06.2004
19700	26.05.2004	20033	25.06.2004
19706	30.05.2004	20037	25.06.2004
19674	16.05.2004	20038	26.06.2004
19661	14.05.2004	20040	25.06.2004
19672	16.05.2004	20042	26.06.2004
19692	22.05.2004	19733	11.06.2004
19676	21.05.2004	19734	11.06.2004
7411	08.06.2004	19737	14.06.2004
7412	08.06.2004	19760	27.06.2004
12634	02.06.2004	19768	03.07.2004
12633	02.06.2004	19814	18.07.2004
19816	18.07.2004	19872	26.07.2004
19829	26.07.2004	19800	18.07.2004
19793	11.07.2004	19802	18.07.2004
19871	26.07.2004	19803	18.07.2004
4507	31.07.2004	19804	18.07.2004
19856	26.07.2004	12708	21.09.2004
19858	26.07.2004	12703	19.07.2004
19791	06.07.2004	12704	19.07.2004
19830	26.07.2004	12705	19.07.2004
7445	09.07.2004	12707	19.07.2004
7446	09.07.2004	12671	07.07.2004
7441	06.07.2004	12672	07.07.2004
7448	16.07.2004	12673	07.07.2004
7449	16.07.2004	12688	19.07.2004
7442	07.07.2004	12689	19.07.2004
7443	07.07.2004	12690	19.07.2004
12670	06.07.2004	12691	19.07.2004
12676	12.07.2004	12692	19.07.2004
12719	29.07.2004	12693	19.07.2004
12684	19.07.2004	12694	19.07.2004

Trade Mark No.	Renewal Date
19859	26.07.2004
19862	26.07.2004
19863	26.07.2004
19864	26.07.2004
7437	03.07.2004
19855	26.07.2004
19857	26.07.2004
19844	26.07.2004
19849	26.07.2004
19853	26.07.2004
19854	26.07.2004
19795	11.07.2004
12682	12.07.2004
12683	12.07.2004
19773	03.07.2004
19774	03.07.2004
19839	26.07.2004
19840	26.07.2004
19789	06.07.2004
19788	06.07.2004
19780	03.07.2004
19769	03.07.2004
19785	06.07.2004
19790	06.07.2004
19792	06.07.2004
19777	03.07.2004
19778	03.07.2004
19861	26.07.2004
19805	18.07.2004
7479	28.08.2004
7480	28.08.2004
7481	28.08.2004
7468	04.08.2004
7474	13.08.2004
12730	18.08.2004
12734	23.08.2004
12722	09.08.2004
12723	09.08.2004
12724	09.08.2004
12729	16.08.2004
12735	24.08.2004
2902	28.08.2004
2903	29.08.2004
20130	28.08.2004
19889	13.08.2004
12737	31.08.2004
12739	31.08.2004
12740	31.08.2004
12732	23.08.2004
12733	23.08.2004
19923	20.08.2004
19926	20.08.2004
19927	20.08.2004
19886	13.08.2004
19898	16.08.2004
19904	16.08.2004
19920	16.08.2004
19930	20.08.2004
19914	16.08.2004
19935	30.08.2004
19874	08.08.2004
19875	08.08.2004

Trade Mark No.	Renewal Date
12695	19.07.2004
12687	19.07.2004
12696	19.07.2004
12697	19.07.2004
19841	26.07.2004
19842	26.07.2004
19843	26.07.2004
19806	18.07.2004
19807	18.07.2004
19808	18.07.2004
19809	18.07.2004
19820	18.07.2004
19821	18.07.2004
19779	03.07.2004
19765	03.07.2004
19782	03.07.2004
19781	03.07.2004
19810	18.07.2004
19866	26.07.2004
19867	26.07.2004
19870	26.07.2004
19771	03.07.2004
19772	03.07.2004
19766	03.07.2004
1225	23.08.2004
7472	09.08.2004
7484	28.08.2004
7475	13.08.2004
7478	28.08.2004
19905	16.08.2004
19907	16.08.2004
19908	16.08.2004
19909	16.08.2004
19879	08.08.2004
19880	08.08.2004
19899	16.08.2004
19900	16.08.2004
19931	20.08.2004
19910	16.08.2004
19911	16.08.2004
19912	16.08.2004
19913	16.08.2004
19925	20.08.2004
19901	16.08.2004
19917	16.08.2004
19932	20.08.2004
19916	16.08.2004
19891	13.08.2004
19892	13.08.2004
19893	13.08.2004
19894	13.08.2004
19895	13.08.2004
19896	13.08.2004
19897	13.08.2004
19878	16.08.2004
19915	16.08.2004
19902	16.08.2004
19903	16.08.2004
19918	16.08.2004
19876	08.08.2004

GODWIN WARR
Comptroller of Industrial property

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) - Valletta - *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) - Valletta*
Mitbugh fl-Istamperija tal-Gvern - *Printed at the Government Printing Press*